MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Numru. 931/2005

**ILLUM 10 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**GLENN VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Glenn Vella ta' 24 sena, bin John u Louise nee Camilleri mwieled tas- Sliema fil-21 ta' Lulju 1980 u residenti 26 "Maple Leaf" Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 434780M.

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1. Talli f' Hal Luqa nhar it- 23 ta' Dicembru 2004, ghall- habta tad- 9.30pm, ikkommetta serq, ta' vettura tal-ghamla Mitsubishi li ghanda n- numru tar- registrazzjoni IAH -513 ,liema serq huwa kkwalifikat bil- valur, liema valur huwa ta' aktar minn LM 1000 u bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa ghad- detriment ta' Paul Camilleri
2. Talli ukoll fl-istess data u fix- xhur ta' wara , f' dawn il- gzejjer , xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat , sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew , xejntament , b' kull mod li jkun ndahal sabiex ibieghhom jew imexxihom

3. Talli ukoll ikkommetta reat iehor matul l- perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza , liema sentenza nghatat mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) nhar is-6 ta' April 2004.

Wara li rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Wara li semghet il-provi;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, u dan wara li nghata zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, hu kkonferma l-ammissjoni;

Wara li rat li l-ewwel imputazzjoni, li tittratta r-reat ta' serq, nghatat bhala alternattiva ghat-tieni, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-istess imputazzjoni;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 279, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill-imsemmi imputat Glenn Vella hati,  u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf Euro (E1,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------